



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

2010/2304(INI)

22.3.2011

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

dwar "Il-Broadband Ewropew: investiment fi tkabbir ekonomiku mmexxi
diġitalment"
(2010/2304(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Malika Benarab-Attou

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni jistieden lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jieħu nota tal-objettiv tal-Kummissjoni li tiġġieled kontra d-distakk diġitali u li tipprovdi l-konnessjoni bil-broadband għal kulħadd, peress li dan huwa servizz essenzjali għall-iżvilupp taż-żoni ġeografikament remoti, inklużi żoni b'popolazzjoni baxxa, il-gżejjer u ż-żoni muntanjużi, u għat-titjib tal-kompetenza u l-ħiliet diġitali;
2. Jistieden lill-Kummissjoni tħeġġeġ lill-Istati Membri, sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-Aġenda Diġitali u ladarba tkun inkisbet firxa wiesgħa tal-kopertura broadband fl-Ewropa, jipprovdu netwerks adegwati rapidi u rapidi ħafna għaż-żoni rurali wkoll; fid-dawl ta' dan, jikkunsidra li l-mobilizzazzjoni tal-FTTB u l-FTTH għandha tiġi intensifikata biex ikun evitat il-ħolqien ta' soluzzjonijiet tranżizzjonali ekonomikament ineffiċjenti;
3. Ifakkar li t-teknoloġiji l-ġodda u l-aċċess għal konnessjonijiet rapidi ħafna għandhom impatt pożittiv fuq l-edukazzjoni, l-informazzjoni, il-komunikazzjonijiet u r-rekreazzjoni taċ-ċittadini;
4. Jikkunsidra li huwa essenzjali li jiġu indirizzati l-ostakoli li qegħdin iżommu parti mill-popolazzjoni offlajn u li jiġu impenjati kemm jista' jkun partijiet interessati biex jipprovdu: (1) taħriġ u aċċess pubbliku għal servizzi broadband, (2) assistenza ekonomika għall-akkwist ta' servizzi broadband u tagħmir, u (3) inċentivi għall-iżvilupp tat-teknoloġija u l-kontenut immirati lejn il-bżonnijiet speċifiċi tal-utent;
5. Huwa tal-opinjoni li, filwaqt li l-mobilizzazzjoni tal-infrastruttura diġitali għandha inizjalment tkun mmirata għas-suq u tkun newtrali mill-aspett teknoloġiku, jista' jkun hemm bżonn li jintużaw mezzi Ewropej, nazzjonali u reġjonali għall-ksib ta' sostenn finanzjarju pubbliku sabiex ikunu garantiti standards fir-rigward tal-kwalità, id-diversità tal-kontenut u d-demokratizzazzjoni tal-aċċess għall-broadband, b'enfasi speċjali fuq żoni fejn l-investment kummerċjali f'it li xejn huwa probabbli;
6. Jinnota, madanakollu, li l-ispiża, f'termini amministrattivi u ta' ppjanar, tal-implimentazzjoni tal-programmi ta' sussidju tal-UE, b'mod partikolari għall-SMEs u għall-awtoritajiet lokali u reġjonali, hija waħda konsiderevoli, u li, fil-prattika, teżisti inċertezza legali li ħafna drabi tostakola l-investimenti ppjanati; jistieden għalhekk lill-Kummissjoni teżamina sa liema punt ir-regoli ta' sussidju jistgħu jiġu ssimplifikati u jsiru aktar attraenti għall-investituri, u kif tista' tinkiseb koordinazzjoni aħjar bejn il-programmi Ewropej u dawk nazzjonali;
7. Jafferma mill-ġdid il-prinċipju ta' newtralità tan-netwerks u huwa tal-fehma li aċċess miftuħ u ugwali għall-infrastruttura tat-telekomunikazzjonijiet u għall-informatika huwa vitali biex jiġi żgurat progress soċjali, ekonomiku u kulturali;
8. Jenfasizza li l-element prinċipali fl-iżvilupp tan-netwerks tal-broadband għandu jkun fuq offerti ta' kwalità għolja, li għandhom jikkontribwixxu għall-aċċess għall-prodotti u s-

servizzi kulturali, għall-parteċipazzjoni fihom u għat-tixrid tagħhom, għall-iżvilupp tal-kreatività u tal-espressjoni u għall-iskambju bejn min jaħdem b'mod kreattiv;

9. Jinnota li, ix-xandara għandhom ikunu kapaċi joffru kontenut awdjoviżiv pluratistiku ta' kwalità għolja billi jużaw pjattaformi ta' xandir eżistenti, inklużi pjattaformi fuq l-art, kif ukoll netwerks tal-broadband, b'mod partikolari għal servizzi fuq talba, sakemm dawn in-netwerks tal-broadband jissodisfaw l-istess rekwiżiti f'termini tal-kwalità tas-servizz u jimmassimizzaw l-effiċjenza tal-ispettru u l-kopertura tagħhom;
10. Jenfasizza, fir-rigward tal-interrelazzjoni bejn l-istabbiliment u l-iżvilupp ulterjuri tal-politiki tan-netwerks tal-broadband portabbli u l-frekwenza, li l-politiki ta' frekwenza Ewropej għandhom bla dubju ta' xejn iqisu l-valuri ekonomiċi, soċjali u kulturali tal-frekwenzi tar-radju;
11. Jenfasizza bil-qawwa l-bżonn ta' użu effikaċi tal-frekwenzi disponibbli u jsaqsi għan-newtralità mill-aspett teknoloġiku;
12. Jenfasizza għalhekk li l-użu ta' frekwenzi tar-radju minn utenti diġà eżistenti, bħar-radju u l-PMSE, li huma ta' importanza kbira għall-ħolqien u t-tixrid tal-kontenut kulturali, kif ukoll għad-diversità lingwistika u kulturali u għall-appoġġ għat-tixrid tal-opinjoni u l-pluraliżmu tal-midja, ma għandux jiġi interrott minħabba l-istabbiliment u l-iżvilupp ulterjuri tan-netwerks tal-broadband portabbli u għandu jingħata lok għal żvilupp ulterjuri tagħhom;
13. Jinnota li, sabiex ikunu jistgħu joffru kontenut awdjoviżiv pluratistiku ta' kwalità għolja bi prezz li jista' jitħallas mill-konsumatur, ix-xandara għandha tingħatalhom l-opportunità li jagħżlu bejn pjattaformi ta' xandir differenti billi jikkunsidraw l-effiċjenza teknika u l-kosteffiċjenza: broadband għal servizzi fuq talba, u televixin fuq l-art għat-trażmissjoni ta' kontenut lineari lill-udjenzi kbar;
14. Jirrakkomanda lill-Istati Membri jiffavorixxu politika ta' aċċess ugwali għall-kontenut, fejn il-prijorità għandha tkun li jiġu konnessi l-istabbilimenti pubbliċi, b'mod partikolari skejjel, il-libreriji u universitajiet, man-netwerks tal-broadband sabiex jiġu inkuraġġuti il-qsim tal-konnoxxenzi, kif ukoll il-promozzjoni tad-diversità kulturali u lingwistika u t-tisħiħ tal-wirt kulturali tal-Ewropa; jinnota, barra minn hekk, li l-edukazzjoni u l-kultura mhumiex fatturi separati mill-ekonomija fit-totalità tagħha, u jenfasizza l-valur miżjud konsiderevoli li nħoloq minn dan is-settur;
15. Jissuġġerixxi li l-Istati Membri jiġu mħeġġa jimplimentaw politiki pubbliċi biex jappoġġaw l-introduzzjoni ta' teknoloġiji ġodda u li tkun promossa l-introduzzjoni ta' metodi ta' taġlim diġitali; jistieden lill-Kummissjoni tinkoraġġixxi skambju tal-aħjar prassi bejn l-Istati Membri u bejn l-Istati Membri u l-pajjiżi li ma jagħmlux parti mill-UE;
16. Jenfasizza li l-mobilizzazzjoni tal-infrastruttura diġitali toħloq opportunitajiet tajbin għal taġlim mill-bogħod, b'mod partikolari fir-reġjuni ultraperiferiċi;
17. Jistieden lill-Kummissjoni tippubblika linji gwida fuq l-investment fin-netwerks tal-broadband, inklużi fuq is-sħubiji pubbliċi-privati, għall-awtoritajiet lokali u reġjonali sabiex jiġi promoss l-użu bis-sħiħ tar-riżorsi tal-UE;

18. Jenfasizza li l-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, flimkien mal-internet broadband, huwa opportunità kbira biex ikomplu jittejbu l-komunikazzjoni u d-djalogu bejn iċ-ċittadini u l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	17.3.2011
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 26 -: 0 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Maria Badia i Cutchet, Zoltán Bagó, Malika Benarab-Attou, Lothar Bisky, Piotr Borys, Jean-Marie Cavada, Silvia Costa, Santiago Fisas Ayxela, Mary Honeyball, Cătălin Sorin Ivan, Morten Løkkegaard, Emma McClarkin, Doris Pack, Marie-Thérèse Sanchez-Schmid, Marietje Schaake, Emil Stoyanov, Hannu Takkula, Helga Trüpel, Marie-Christine Vergiat, Sabine Verheyen, Milan Zver
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Nessa Childers, Ramona Nicole Mănescu, Iosif Matula, Francisco José Millán Mon, Monika Smolková
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Christian Engström, Miguel Angel Martínez Martínez